# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar l-24 ta' Mejju 2021

**Rik. Div. Nru : 153/2020 JPG**

**Kawza Nru : 10**

**IC**

**Vs**

**TC**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat IC, datat 4 ta' Gunju 2020, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet izzewgu fit-13 ta' Ottubru 2001 bin-numru ta' registrazzjoni 1802/01, u minn dan iz-zwieg huma kellhom tlett itfal, LC li twieled f'X, JC li twieled f'Y u CC li twieled f'Z.*

*Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt ppublikat minn Nutar Dr. Marco Buttigieg fis-sbatax [17] ta' Marzu elfejn u erbatax [2014], kopja qeghda hawn annessa;*

*Illi ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra li ilhom ghall dawn l-ahhar snin mifrudin, illum huma ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;*

*Illi ma hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment, u l-att ta' separazzjoni qed jigi osservat fl-intier tieghu ai termini ta' l-Art 7 ta' l-istess att;*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega*

*ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogghobha:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg, ezistenti bejn il-partijiet;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet ta' din il-Qorti gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat id-digriet taghha datat 9 ta' Marzu 2021, vide fol 24 et seqq;

Rat in-Nota kongunta tal-partijiet datata 30 ta' Marzu 2021;

**Ikkonsidrat:**

**IC** xehdet (vide affidavit fol 27) illi hija izzewget lill-intimat nhar it-13 ta' Ottubru 2001 u li minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal. Sostniet illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Marco Buttigieg nhar is-17 ta' Marzu 2014 (vide kuntratt a fol 4 et seqq. tal-process). Ziedet tghid illi rigward il-kura u kustodja u manteniment gew regolati permezz tal-kuntratt ta' separazzjoni u kkonfermat li ma hemmx pendenzi ta' manteniment. Ziedet tghid illi qatt ma kien hemm rikonciljazzjoni u llum il-gurnata huma jghix hajja totalment separata minn xulxin u li t-talba ghal dawn il-proceduri hija wahda reciproka.

**TC** xehed (vide affidavit fol 28) u kkollabora u kkonferma dak li xehdet martu.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma***

***jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-13 ta' Ottubru 2001, liema zwieg jgib ic-certifikat numru 1802/2001 (Vide certifikat taz-zwieg a fol 29). Minn dan iz-zwieg twieldu tlett ulied.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Marco Buttigieg, nhar is-17 ta' Marzu 2014 (vide Kuntratt tas-separazzjoni fol 4 et seqq.). Di piu', mill-atti u dikjarazzjonijiet tal-partijiet jirrizulta illi l-kontendenti ilhom separati ghal ferm aktar miz-zmien rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib ic-certifikat numru 1802/2001 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**